# IS-SURMAST ANTON MUSCAT AZZOPARDI ESPERT FIL-MUŻIKA



PATRI HERMANN DUNCAN
O.CARM
Balluta

Anton Muscat Azzopardi twieled f'Ħal Qormi fit- 23 ta' Awwissu tal- 1903 u kien iben il-famuż awtur Ġuże Muscat Azzopardi, li *minn għandu* wiret ukoll talent fil-kitba. Fi tfulitu kien marradi, u wara li rnexxielu jegħleb il-mard, beda jistudja l-mużika bis-serjetà.

Wieħed mill-għalliema tiegħu kien Carmelo Abela Scolaro u kompla jistudja taħt Manwel Spiteri, Abdilla, Vassallo u Diacono biex jissaħħaħ fl-armonija.

Fis-sena 1923 sar Surmast fil-Banda tal-Istitut ta' San Ġużepp, u kien jidderieġi bosta baned fosthom dik ta' Sant Andrija ta' Ħal Luqa, ta' Stella Maris f'Tas-Sliema, tal-Madonna Tal-Karmnu fil-Gżira, ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi, tal-Approved School, u ta' l-Isle Adam fir-Rabat, Malta.

Anton Muscat Azzo*pardi kkompona mużika* sagra u kiteb diversi marċi li jindaqqu fil-baned. Fix-xahar ta' Mejju 1964, hu nħatar membru tal-Ordni Sovran ta' San Ġwann ta' Ġerusalem. Kiteb ukoll fuq il-kompożitur Malti Dun Mikelanġ Vella u fuq il-pittur Joseph Burlon.

L-inawgurazzjoni ta' Planċier ġdid fl-okkażjo*ni* tal-150 *sena* mit-twelid tal-Maestro Antonio Miruzzi li kien l-awtur tal-Innu tal-Banda ta' Sant Andrija ta' Ħal Luqa li kien sar fl-20 ta' Settembru tas-sena 1959 ħabtet ukoll mal-ġublew tal-fidda tas-surmast Anton Muscat Azzopardi li kien ukoll id-Direttur tal-Banda. Minħabba f'hekk tfakkru żewġ Anniversarji importanti li kienu mifruxin fuq jume*jn meta* l-ewwel *sar it-tberik* tal- Planċier, u mbagħad sar programm vokali u strumentali taħt id-direzzjoni ta' Anton Muscat Azzopardi bis-sehem tal-Kor tal-Ħamrun taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġużepp Cachia. Din il-ġrajja storika ssemmiet ukoll fid-djarju tal-Kor tal-Ħamrun meta fit-Titlu ta' Planċier ġdid f'Ħal Luqa nsibu din il-kitba: Sabiex nagħlqu l – programm tas-sajf kantajna f'Ħal Luqa *mal-Banda* La Stella (*Sant* Andrija) għal din l-okkażjoni memorabbli.

Dakinhar il-programm kien jikkonsisti fid-daqq tal-Innu tal-Papa peress li kien preżenti Mons Arċisqof, indaqq l-Overture 1812 ta' Tchaikovski, segwit ukoll mil-kantata Sant Andrija ta' Mro Paolo Vella, il- Fantasia Boris Goudonoff tal-kompożitur Russu Mussorgsky u "Presso il fiume stranier", ta' Charles Gounod u fl-aħħar l- Innu tal-Banda, L-Innu Malti u "God Save The Queen" għax konna għadna Kolonja Ingliża. L-Innu ta' Miruzzi kien bit-Taljan, u l-versi bil-Malti saru minn Dun Frans Camilleri u għandu forma ta' talba għax fit-tieni strofa hemm referenza *għall-Qaddis li mexa wara* Kristu biex sar sajjied tiegħu.

Fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Maestro Anton Muscat Azzopardi bħala Surmast, tkantaw dawn il-versi:-

Insieħbu l-ferħ ta' qlubna
Mal-hena tas-smewwiet,
U f'ismek ngħollu l-għanja
Tal-isbaħ Tifkiriet

Għax b'ismek b'għaġeb tagħna
Is-sema jżejjen ried
Ja kbir li mxejt ma' Kristu
Biex tiegħu ssir sajjied

Ifirħu mela magħna,
Issieħbu mas-smewwiet
Biex l-għanja tagħna tasal,
Fuq kollha ż-żminijiet

*Fil-battuta sebgħa jinqas*mu f'żewġ pari ta' semiminimi biex joqogħdu żewġ kelmiet. L-istess insibu fid-disa' waħda b'ismek.

Dawn il-versi joqorbu lejn l-istil letterarju mħaddem minn Dun Frans Camilleri li kien jistqarr li l-innijiet iridu jkunu sempliċi u l-għażla tal-kelma teħtieġ li tkun popolari għax inkella l-innu jkun, diffiċli biex jindaqq u ma jkollokx l- ebda spontaneità.



Dawn iż-żewġ korijiet tal-Ġamrun u ta'Ħal-Luqa drabi oħra daqqew fil-pro*gramm ta' lejliet il-Festa* tal-Banda Sant' Andrija nhar it-2 ta' Lulju 1961 u fis-7 ta' Lulju, 1963 dakinhar tal-Festa ta' San Luqa fejn s-subien kantaw minn fuq l-orgni il-quddiesa ta' Perosi, Te Deum Laudemus. Fil-Festa Titulari tas-sena 1966 kienu ħadu sehem is-solisti Hilda Tabone (Sopran) u Piju Żam*mit (Baxx) fejn dawn it-tne*jn studjaw il-vuċi għand il-Maestro Anton Muscat Azzopardi u Andrew Sapiano (Tenur).

Anton Muscat Azzopardi ngħata tislima xierqa minn Joseph Galea, l-assistent Direttur tal-Banda l-Isle Adam meta fit-8 ta' Diċembru tas-sena 1979 ingħalqet paġna glorjuża fl-Istorja mużikali u, f'mewtu l-isem ta' dan il-Kavallier tniżżel b'ittri tad-deheb fin-nekroloġija tal-mużiċisti. Hu ma kienx għani u wara marda li wasslitu f'xifer il-mewt, beda l-karriera mużikali taħt Frere Dorotheus li għallmu l-arti *tal-kant, filwaqt li l-iskola* u l-edukazzjoni Nisranija għand Frere Paul.

Dawn l-għalliema tiegħu tnaqqxu f'qalbu meta waslu Malta l-Freres u bdew joqogħdu, jgħinu u jgħallmu fl-Istitut ta' San Ġużepp. Din il-kompożizzjoni u Direzzjoni huma żewġ karatteristiċi ndaqs jew wieħed aqwa *mill-ieħor iżejnu lis-Surmast* Anton Muscat Azzopardi. Għad li d-direzzjoni tispikka ħafna f'Muscat Azzopardi hu jeċċella wkoll f'dik li hi kompożizzjoni.

Barra mill-Mużika Klassika għandu żewġ Barkoroli, żewġ preghieri, żewġ "O, Salutoris Ostia", sitt innijiet popolari tal-poeti Dun Frans Camilleri u Dr. Ġorġ Zammit LLD. Kiseb bosta ċertifikati mill-London College of Music u rebaħ konkorsi fl-Italja u d- Diploma Mus L.C.M. Hu kien waqqaf ukoll il-banda "Our Lady of Mount Carmel" tal- Gżira. L-aħħar biċċa xogħol tiegħu kien Innu lil *San Ġużepp bil-versi tal*-Avukat Ġorġ Zammit li kien indaqq fl-okkażjoni tal-Inkurunazzjoni ta' San Ġużepp fis-sena 1963.

Hemm ħafna materjal ieħor x'tikteb fuqu iżda mhux possibbli li nelenka kollox. Għadda għal ħajja ta' dejjem fit- 8 ta' Diċembru 1979.

## Titli

Kompożitur ta' fama kbira KUL

Organizzatur ta' diversi baned ILL

Kompożitur u Direttur Magħruf NAZ

Is-Surmast Anton Muscat Azzopardi espert fil-mużika LOR